



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.4.2013
COM(2013) 187 final

2013/0099 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar l-emenda tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1215/2009 fir-rigward tal-kwoti
tariffarji**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-Unjoni Ewropea tagħti aċċess eċċezzjonali mingħajr limitu u eżentat mid-dazju doganali għas-suq tal-UE għal kważi l-prodotti kollha li joriġinaw fil-pajjiżi li jibbenefikaw mill-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1215/2009 tat-30 ta' Novembru 2009, ħlief inbid u baby beef, li jibqgħu soġġetti għal kwoti tariffarji. L-għan ewlieni ta' dawn il-miżuri huwa li terġa' tingħata l-ħajja lill-ekonomiji tal-Balkani tal-Punent permezz ta' aċċess privileġġat għas-suq tal-UE. B'riżultat ta' dan, l-iżvilupp ekonomiku għandu jrawwem stabbiltà politika fir-reġjun kollu.

Dawn il-preferenzi kummerċjali jingħataw għal perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2015, u attwalment japplikaw għall-Bożnja-Herzegovina, is-Serbja, l-Albanija, ir-Repubblika tal-Kroazja, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u l-Kosovo*.

F'xi każijiet, il-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u l-Ftehimiet Interim jagħtu kwota tariffarja għall-inbid, iz-zokkor u l-baby beef. Fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1215/2009 hemm provduta kwota tariffarja addizzjonali globali għall-inbid ta' 50 000 hl, miftuħa għall-benefiċjarji kollha soġġetti għall-eżawriment tal-kwoti speċifiċi tagħhom disponibbli fil-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jew il-Ftehimiet Interim rispettivi.

Il-Kosovo ma għandu l-ebda Ftehim ta' Assoċjazzjoni u Stabbilizzazzjoni, u jista' jgawdi biss mill-kwota tariffarja ġenerali. Meta din il-kwota tariffarja tiġi eżawrita minn pajjiżi oħra, l-esportaturi Kosovari ma jkollhom l-ebda aċċess preferenzjali għas-suq tal-UE.

Il-Kosovo wera l-potenzjal li jesporta nbejjed lejn l-UE, u l-esportaturi għandhom bżonn ta' qafas stabbli u affidabbli.

Għaldaqstant, huwa propost li tiġi allokata kwota tariffarja speċifika ta' 20.000 hl lill-Kosovo, li titnaqqas mill-kwota globali ta' 50.000 hl prevista fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1215/2009, jiġifieri mnaqqsa għal 30.000 hl. Dan jinkiseb bl-għeluq tal-kwota tariffarja attwali u bit-twaqqif ta' tnejn ġodda għall-ammonti msemmija.

Huwa previst mekkaniżmu li jelimina l-inċertezzi legali li jirriżultaw mill-fatt li l-kwoti jiġu allokat fuq bażi ta' "jinqeda l-ewwel min jiġi l-ewwel", u li d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ma tistax tiġi antiċipata. Sabiex tkun evitata l-espansjoni tal-volum globali tal-konċessjonijiet, il-kwota riżervata għall-Kosovo hija applikata fuq bażi pro-rata.

Din l-allokazzjoni mill-ġdid ma taffettwax il-volum globali ta' konċessjoni lill-pajjiżi fil-Balkani tal-Punent, u żżomm stabbli il-kundizzjonijiet tas-suq tal-inbid fl-UE. Il-kwoti tat-tariffi speċifiċi stabbiliti fil-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jew il-Ftehimiet Interim mhumx affettwati.

L-emenda proposta ma tinvolvi spejjeż għall-baġit tal-UE. L-applikazzjoni tagħha lanqas ma timplika xi telf ta' dħul doganali meta mqabbel mal-qagħda attwali.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq il-proposta preżenti timmira li temenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1215/2009, billi tistabbilixxi kwota speċifika ta' 20.000 hl għall-inbid li joriġinaw mill-Kosovo u tnaqqas proporzjonalment il-kwota globali.

Biex ma jkun ta' ebda tfixkil għall-kummerċ, dan ir-Regolament għandu jiġi adottat u ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* qabel il-31 ta' Diċembru 2013.

* Din id-deżinjazzjoni hija bla ħsara għall-pożizzjonijiet dwar l-status, u hija konformi mal-UNSCR 1244 u l-Opinjoni tal-QiG dwar id-Dikjarazzjoni ta' Indipendenza tal-Kosovo

**2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET
INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

MA

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu, u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1215/2009 tat-30 ta' Novembru 2009.

4. L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

MA

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-emenda tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1215/2009 fir-rigward tal-kwoti tariffarji

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-Unjoni ilha mis-sena 2000 tagħti l-aċċess mhux limitat bla dazju għas-suq tal-Unjoni għal kważi l-prodotti kollha li joriġinaw fil-Balkani tal-Punent. Bħalissa, din is-sistema hija prevista fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1215/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jintroduċi ċerti miżuri kummerċjali eċċezzjonali għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fil-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea jew li huma marbutin miegħu¹.
- (2) Il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent kollha jibbenefikaw minn arranġamenti kummerċjali preferenzjali, inklużi kwoti tariffarji individwali, skont il-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jew il-Ftehimiet Interim dwar il-kummerċ u kwistjonijiet marbuta mal-kummerċ konklużi ma' dawn il-pajjiżi, bl-eċċezzjoni tal-Kosovo*.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 1215/2009, għamel disponibbli kwota ġenerali ta' 50.000 hl għall-inbid, fuq bażi ta' "jinqeda l-ewwel min jiġi l-ewwel" għall-benefiċjarji kollha, suġġett għall-eżawriment tal-kwoti speċifiċi tagħhom disponibbli taħt il-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jew il-Ftehimiet Interim.
- (4) Aċċess stabbli għas-suq tal-Unjoni huwa meħtieġ għall-iżvilupp soċjoekonomiku tal-Kosovo, li wera l-kapaċità tiegħu li jesporta l-inbid. Fin-nuqqas ta' kwota tariffarja individwali, il-produtturi Kosovari huma nieqsa mill-prevedibbiltà meħtieġa għall-esportazzjonijiet tagħhom.
- (5) Huwa xieraq li tkun allokata kwota tariffarja annwali speċifika ta' 20 000 hl għall-esportazzjonijiet tal-inbid mill-Kosovo lejn l-UE, u li titnaqqas proporzjonalment il-kwota tariffarja annwali ġenerali għall-inbid disponibbli għall-benefiċjarji kollha minn 50 000 hl għal 30 000 hl.

¹ ĠU L 328, 15.12.2009, p. 1

* Din id-deżinjazzjoni hija bla ħsara għall-pożizzjonijiet dwar l-status, u hija konformi mal-UNSCR 1244 u l-opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni ta' Indipendenza tal-Kosovo

- (6) L-allokkazzjoni ta' kwota tariffarja speċifika tinkiseb bl-għeluq tal-kwota tariffarja globali eżistenti u l-ftuħ ta' tnejn ġodda, li l-volum totali tagħhom huwa ekwivalenti għall-volum tal-kwota tariffarja magħluqa.
- (7) Huwa xieraq ukoll li jiġi introdott mekkaniżmu li jevita l-inċertezzi legali fir-rigward tal-kwoti tariffarji disponibbli fil-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u biex jiġi prevenut li l-volum totali tal-konċessjoni jaqbeż 50 000 hl.
- (8) Peress li l-volum totali tal-konċessjonijiet mhuwiex modifikat, dan ir-Regolament ma jaffettwax is-settur tal-inbid tal-Unjoni. Lanqas il-konċessjonijiet speċifiċi previsti fil-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u l-Ftehimiet Interim mhuma affettwati minn dan ir-Regolament.
- (9) Dan ir-Regolament ma jaffettwax l-obbligi tal-Unjoni fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u ma jeħtieġx rinunzja tad-WTO.
- (10) Ir-Regolament (KE) Nru 1215/2009 għalhekk għandu jiġi emendat skont dan.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1215/2009 jinbidel bit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-miżuri tranżitorji li ġejjin għandhom japplikaw fis-sena tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament:

- (1) Il-kwoti tariffarji l-ġodda taħt in-numri tas-serje 09.1530 u 09.1560 għandhom jirtu proporzjonalment il-bilanċ tal-kwota tariffarja 09.1515 fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, skont il-modalitajiet li ġejjin:
 - (a) L-ammont inizjali tal-kwota tariffarja 09.1530 għandu jiġi kkalkulat bl-użu tal-formula li ġejja:

$$0.6 \times \text{il-bilanċ tal-kwota tariffarja } 09.1515^2 \text{ fil-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.}$$
 - (b) L-ammont inizjali tal-kwota tariffarja 09.1560 għandu jiġi kkalkulat bl-użu tal-formula li ġejja:

$$0.4 \times \text{il-bilanċ tal-kwota tariffarja } 09.1515 \text{ fil-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.}$$
 - (c) Iż-żewġ ammonti inizjali għandhom jiġu aġġustati għall-unità sħiħa (ettolitru).
- (2) It-talbiet tal-kwota tariffarja pendenti (mhux allokata) għall-kwota tariffarja 09.1515 għandhom jiġu ttrasferiti għall-kwoti tariffarji 09.1530 u 09.1560 rispettivament, skont l-orijini tal-inbid.

² Il-bilanċi tal-kwoti tariffarji huma ppubblikati fuq il-websajts tal-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali tat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNESS

"ANNESS I

KWOTI TARIFFARJI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1215/2009.

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda (NM), il-kliem użat għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jitqies bħala li ma għandux xi valur ieħor għajr dak indikattiv, l-iskema preferenzjali stabbilita, fil-kuntest ta' dan l-Anness, bil-kopertura tal-kodiċi tan-NM. Fejn eks kodiċijiet tan-NM huma indikati, l-iskema preferenzjali għandha tiġi ddeterminata bl-applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni li tikkorrispondi meħuda flimkien.

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota fis-sena ¹	Benefiċjarji	Rata ta' dazju
09.1571	0301 91 10 0301 91 90 0302 11 10 0302 11 20 0302 11 80 0303 14 10 0303 14 20 0303 14 90 0304 42 10 0304 42 50 0304 42 90 ex 0304 52 00 0304 82 10 0304 82 50 0304 82 90 ex 0304 99 21 ex 0305 10 00 ex 0305 39 90 0305 43 00 ex 0305 59 80 ex 0305 69 80	Trota (<i>Salmo trutta</i> , <i>Oncorhynchus mykiss</i> , <i>Oncorhynchus clarki</i> , <i>Oncorhynchus aguabonita</i> , <i>Oncorhynchus gilae</i> , <i>Oncorhynchus apache</i> u <i>Oncorhynchus chrysogaster</i>): ħajja; friska jew imkessħa; iffriżata; imnixxfa, immellħa jew fis-salmura, affumikata; fletti u laħam ieħor tal-ħut; dqiq, pasti u pritkuni ta' ħut, tajbin għall-konsum mill- bniedem	15-il tunnellata	It-territorju doganali tal- Kosovo	0%
09.1573	0301 93 00 0302 73 00 0303 25 00 ex 0304 39 00 ex 0304 51 00 ex 0304 69 00	Karpjun (<i>Cyprinus carpio</i> , <i>Carassius carassius</i> , <i>Ctenopharyngodon idellus</i> , <i>Hypophthalmichthys</i> spp., <i>Cirrhinus</i> spp., <i>Mylopharyngodon piceus</i>) ħaj; frisk jew imkessħa; friżat; imnixxef, immellħa jew fis- salmura, affumikat; fletti u laħam ieħor tal-ħut; dqiq, pasti u pritkuni ta' ħut, tajbin għall-	20 tunnellata	It-territorju doganali tal- Kosovo	0%

¹ Volum globali wieħed għal kull kwota tariffarja aċċessibbli għall-importazzjonijiet li joriġinaw fil-pajjiżi benefiċjarji.

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota fis-sena ¹	Benefiċjarji	Rata ta' dazju
	ex 0304 93 90 ex 0305 10 00 ex 0305 31 00 ex 0305 44 90 ex 0305 59 80 ex 0305 64 00	konsum mill-bniedem			
09.1575	ex 0301 99 85 0302 85 10 0303 89 50 ex 0304 49 90 ex 0304 59 90 ex 0304 89 90 ex 0304 99 99 ex 0305 10 00 ex 0305 39 90 ex 0305 49 80 ex 0305 59 80 ex 0305 69 80	Pagru (<i>Dentex dentex</i> u <i>Pagellus</i> spp.): ħaj; frisk jew imkessaħ; friżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, affumikat; fletti u laħam ieħor tal-ħut; dqiq, pasti u pritkuni ta' ħut, tajbin għall-konsum mill-bniedem	45 tunnellata	It-territorju doganali tal-Kosovo	0%
09.1577	ex 0301 99 85 0302 84 10 0303 84 10 ex 0304 49 90 ex 0304 59 90 ex 0304 89 90 ex 0304 99 99 ex 0305 10 00	Spnott (<i>Dicentrarchus labrax</i>): ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxef; immellaħ jew fis-salmura, affumikat; fletti u laħam ieħor tal-ħut; dqiq, pasti u pritkuni ta' ħut, tajbin għall-konsum mill-bniedem	30 tunnellata	It-territorju doganali tal-Kosovo	0%

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota fis-sena ¹	Benefiċjarji	Rata ta' dazju
	ex 0305 39 90				
	ex 0305 49 80				
	ex 0305 59 80				
	ex 0305 69 80				

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota fis-sena ¹	Benefiċjarji	Rata ta' dazju
09.1530	ex 2204 21 93 ex 2204 21 94 ex 2204 21 95 ex 2204 21 96 ex 2204 21 97 ex 2204 21 98 ex 2204 29 93 ex 2204 29 94 ex 2204 29 95 ex 2204 29 96 ex 2204 29 97 ex 2204 29 98	Inbid ta' għeneb frisk, ta' saħħa alkoħolika reali bil-volum ta' mhux aktar minn 15 % vol, għajr inbid effervexxenti	30 000 hl ²	l-Albanija ³ il-Bożnja-Herzegovina ⁴ , il-Kroazja ⁵ , dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ⁶ , il-Montenegro ⁷ , is-Serbja ⁸ , it-territorju doganali tal-Kosovo ⁹	Eżenzjoni

² Il-volum ta' din il-kwota tariffarja globali għandu jtnaqqas jekk il-volum tal-kwota tariffarja individwali applikabbli skont l-ordni Nru 09.1588 għal ċerti nbejjed li joriġinaw fil-Kroazja jiżdied.

³ L-aċċess għall-inbid li joriġina mill-Albanija għal din il-kwota tariffarja globali, jingħata bil-kundizzjoni li l-ewwel tiġi eżawrita l-kwota tariffarja individwali stipulata fil-Protokoll Addizzjonali dwar l-inbid konkluż mal-Albanija. Din il-kwota individwali hija miftuħa skont l-ordni Nru 09.1512 u Nru 09.1513.

⁴ L-aċċess għal din il-kwota tariffarja globali, għall-inbid li joriġina mill-Bożnja-Herzegovina, jingħata bil-kundizzjoni li l-ewwel jiġu eżawriti ż-żewġ kwoti tariffarji individwali stipulati fil-Protokoll dwar l-inbid konkluż mal-Bożnja-Herzegovina. Dawn il-kwoti individwali huma miftuħa skont l-ordni Nru 09.1528 u Nru 09.1529.

⁵ L-aċċess għal din il-kwota tariffarja globali, għall-inbid li joriġina mir-Repubblika tal-Kroazja, jingħata bil-kundizzjoni li l-ewwel jiġu eżawriti ż-żewġ kwoti tariffarji individwali stipulati fil-Protokoll Addizzjonali dwar l-inbid konkluż mal-Kroazja. Dawn il-kwoti tariffarji individwali huma miftuħa skont l-ordni Nru 09.1588 u Nru 09.1589.

⁶ L-aċċess għal din il-kwota tariffarja globali, għall-inbid li joriġina f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, jingħata bil-kundizzjoni li l-ewwel jiskadu ż-żewġ kwoti tariffarji individwali stipulati fil-Protokoll Addizzjonali dwar l-inbid konkluż ma' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Dawn il-kwoti tariffarji individwali huma miftuħa skont l-ordni Nru 09.1558 u Nru 09.1559.

⁷ L-aċċess għal din il-kwota tariffarja globali, għall-inbid li joriġina mill-Montenegro, jingħata bil-kundizzjoni li l-ewwel tiskadi l-kwota tariffarja individwali stipulata fil-Protokoll dwar l-inbid konkluż mal-Montenegro. Din il-kwota individwali hi miftuħa skont l-ordni Nru 09.1514.

⁸ L-aċċess għal din il-kwota tariffarja globali, għall-inbid li joriġina mis-Serbja, jingħata bil-kundizzjoni li l-ewwel jiġu eżawriti ż-żewġ kwoti tariffarji individwali stipulati fil-Protokoll dwar l-inbid konkluż mas-Serbja. Dawn il-kwoti individwali huma miftuħa skont l-ordni Nru 09.1526 u Nru 09.1527.

⁹ L-aċċess għal din il-kwota tariffarja globali, għall-inbid li joriġina mit-territorju doganali tal-Kosovo, jingħata bil-kundizzjoni li l-ewwel jiġu eżawriti ż-żewġ kwoti tariffarji individwali stipulati fil-Protokoll dwar l-inbid konkluż mas-Serbja. Din il-kwota individwali hija miftuħa skont l-ordni Nru 09.1560.

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota fis-sena ¹	Benefiċjarji	Rata ta' dazju
09.1560	ex 2204 21 93 ex 2204 21 94 ex 2204 21 95 ex 2204 21 96 ex 2204 21 97 ex 2204 21 98 ex 2204 29 93 ex 2204 29 94 ex 2204 29 95 ex 2204 29 96 ex 2204 29 97 ex 2204 29 98	Inbid ta' għeneb frisk, ta' saħħa alkoħolika reali bil-volum ta' mhux aktar minn 15 % vol, għajr inbid effervexxenti	20 000 hl	It-territorju doganali tal-Kosovo	Eżenzjoni